

5.12.2018

A8-0417/151

Emenda 151
Renate Sommer
f'isem il-Grupp PPE

Rapport
Renate Sommer

A8-0417/2018

It-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari
(COM(2018)0179 – C8-0144/2018 – 2018/0088(COD))

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (KE) Nru 1935/2004
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ii) tiżgura aċċess pubbliku għall-applikazzjoni, għall-informazzjoni ta' appoġġ rilevanti u għal kwalunkwe informazzjoni supplimentari fornita mill-applikant, b'konformità mal-Artikoli 19 u 20.

(ii) tiżgura aċċess pubbliku għall-applikazzjoni, għall-informazzjoni ta' appoġġ rilevanti u għal kwalunkwe informazzjoni supplimentari fornita mill-applikant ***fl-istess żmien meta tippubblika l-abbozz ta' opinjoni xjentifika tagħha***, b'konformità mal-Artikoli 19 u 20.

Or. en

5.12.2018

A8-0417/152

Emenda 152
Renate Sommer
f'isem il-Grupp PPE

Rapport
Renate Sommer

A8-0417/2018

It-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari
(COM(2018)0179 – C8-0144/2018 – 2018/0088(COD))

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (KE) Nru 1935/2004
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Awtorità għandha tagħmel pubblika l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, l-informazzjoni ta' appoġġ rilevanti u kwalunkwe informazzjoni supplimentari fornita mill-applikant, ***kif ukoll l-opinjonijiet*** xjentifiċi tagħha, b'konformità mal-Artikolu 38, mal-Artikoli 39 sa 39f u mal-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, li għandhom japplikaw mutatis mutandis u mal-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament.

1. L-Awtorità għandha tagħmel pubblika l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, l-informazzjoni ta' appoġġ rilevanti u kwalunkwe informazzjoni supplimentari fornita mill-applikant, ***fl-istess żmien tal-abbozz ta' opinjonijiet*** xjentifiċi tagħha, b'konformità mal-Artikolu 38, mal-Artikoli 39 sa 39f u mal-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, li għandhom japplikaw mutatis mutandis u mal-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

5.12.2018

A8-0417/153

Emenda 153
Renate Sommer
f'isem il-Grupp PPE

Rapport
Renate Sommer

A8-0417/2018

It-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari
(COM(2018)0179 – C8-0144/2018 – 2018/0088(COD))

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (KE) Nru 1331/2008
Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta l-Kummissjoni titlob l-opinjoni tagħha b'konformità mal-Artikoli 3(2) u 16 ta' dan ir-Regolament, l-Awtorità għandha tagħmel pubblika l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, l-informazzjoni ta' appoġġ rilevanti u kwalunkwe informazzjoni supplimentari fornita mill-applikant, **kif ukoll l-opinjonijiet** xjentifiċi tagħha, b'konformità mal-Artikolu 38, mal-Artikoli 39 sa 39f u mal-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 u ma' dan l-Artikolu. Barra minn dan, hija għandha tagħmel pubblika kwalunkwe talba għal opinjoni kif ukoll kwalunkwe estensjoni tal-perjodu skond l-Artikolu 6(1).

Meta l-Kummissjoni titlob l-opinjoni tagħha b'konformità mal-Artikoli 3(2) u 16 ta' dan ir-Regolament, l-Awtorità għandha tagħmel pubblika l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, l-informazzjoni ta' appoġġ rilevanti u kwalunkwe informazzjoni supplimentari fornita mill-applikant, **fl-istess żmien meta tippubblika l-abbozz ta' opinjonijiet** xjentifiċi tagħha, b'konformità mal-Artikolu 38, mal-Artikoli 39 sa 39f u mal-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 u ma' dan l-Artikolu. Barra minn dan, hija għandha tagħmel pubblika kwalunkwe talba għal opinjoni kif ukoll kwalunkwe estensjoni tal-perjodu skond l-Artikolu 6(1).

Or. en

5.12.2018

A8-0417/154

Emenda 154
Renate Sommer
f'isem il-Grupp PPE

Rapport
Renate Sommer

A8-0417/2018

It-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari
(COM(2018)0179 – C8-0144/2018 – 2018/0088(COD))

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2015/2283
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Meta l-Kummissjoni titlob opinjoni mingħand l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità"), l-Awtorità għandha tiżgura aċċess pubbliku għall-applikazzjoni b'konformità mal-Artikolu 23 ***u għandha tagħti l-opinjoni*** tagħha dwar jekk l-aġġornament aktarx ikollux effett fuq is-saħħa tal-bniedem.

3. Meta l-Kummissjoni titlob opinjoni mingħand l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità"), l-Awtorità għandha tiżgura aċċess pubbliku għall-applikazzjoni b'konformità mal-Artikolu 23 ***fl-istess żmien meta tippubblika l-abbozz ta' opinjoni*** tagħha ***bi tweġiba għall-mistoqsija*** dwar jekk l-aġġornament aktarx ikollux effett fuq is-saħħa tal-bniedem.

Or. en

5.12.2018

A8-0417/155

Emenda 155
Renate Sommer
f'isem il-Grupp PPE

Rapport
Renate Sommer

A8-0417/2018

It-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari
(COM(2018)0179 – C8-0144/2018 – 2018/0088(COD))

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2
Ir-Regolament (UE) 2015/2283.
Artikolu 15 – paragrafu 1 – l-aħħar sentenza

Test propost mill-Kummissjoni

L-Awtorità għandha tiżgura aċċess
pubbliku għan-notifika skont l-Artikolu 23.

Emenda

L-Awtorità għandha tiżgura aċċess
pubbliku għan-notifika skont l-Artikolu 23
***meta tippubblika r-rapport tekniku
tagħha.***

Or. en

5.12.2018

A8-0417/156

Emenda 156
Renate Sommer
f'isem il-Grupp PPE

Rapport
Renate Sommer

A8-0417/2018

It-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari
(COM(2018)0179 – C8-0144/2018 – 2018/0088(COD))

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b
Ir-Regolament (UE) 2015/2283.
Artikolu 16 – paragrafu 2 – l-aħħar sentenza

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Awtorità għandha tiżgura aċċess
pubbliku **għall-applikazzjoni**, għall-
informazzjoni ta' appoġġ rilevanti u għal
kwalunkwe informazzjoni supplimentari
fornita mill-applikant b'konformità mal-
Artikolu 23.

L-Awtorità għandha tiżgura aċċess
pubbliku **għall-elementi mhux**
kunfidenzjali tal-applikazzjoni, għall-
informazzjoni ta' appoġġ rilevanti u għal
kwalunkwe informazzjoni supplimentari
fornita mill-applikant **kif ukoll għan-**
notifika li tikkonċerna t-tħassib dwar is-
sigurtà fl-istess żmien meta tippubblika l-
abbozz ta' opinjoni xjentifika tagħha
b'konformità mal-Artikolu 23.

Or. en

5.12.2018

A8-0417/157

Emenda 157
Renate Sommer
f'isem il-Grupp PPE

Rapport
Renate Sommer

A8-0417/2018

It-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari
(COM(2018)0179 – C8-0144/2018 – 2018/0088(COD))

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 4
Ir-Regolament (UE) 2015/2283.
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Meta l-Kummissjoni titlob l-opinjoni tagħha b'konformità mal-Artikoli 10(3) u 16 ta' dan ir-Regolament, l-Awtorità għandha tagħmel pubblika l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, l-informazzjoni ta' appoġġ rilevanti u kwalunkwe informazzjoni supplimentari fornita mill-applikant, ***kif ukoll l-opinjonijiet xjentifiċi*** tagħha, b'konformità mal-Artikolu 38, mal-Artikoli 39 sa 39f u mal-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 u ma' dan l-Artikolu.

1. Meta l-Kummissjoni titlob l-opinjoni tagħha b'konformità mal-Artikoli 10(3) u 16 ta' dan ir-Regolament, l-Awtorità għandha tagħmel pubblika l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, l-informazzjoni ta' appoġġ rilevanti u kwalunkwe informazzjoni supplimentari fornita mill-applikant, ***fl-istess żmien tal-abbozz ta' opinjoni xjentifika*** tagħha, b'konformità mal-Artikolu 38, mal-Artikoli 39 sa 39f u mal-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 u ma' dan l-Artikolu.

Or. en